# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Gimgha 11 ta' Marzu 2022

Kawza Nru: **2**

Rikors Nru. **5/2019ISB**

**Despuig Limited (C 1725)**

**Vs**

**CBCD Limited u b'digriet tal-25 ta' April 2019, Dr Yanika Bugeja giet nominata bhala kuratur ad litem tas-socjeta' intimata CBCD Limited (C-13500)**

Il-Qorti :

Rat ir-Rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fl-20 ta' Frar 2019, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *(1) Qabel kollox, taghti ordni provizorja sabiex jigu amministrati l-affarijiet tal-kumpannija CBCD Limited (C-13500) okorrendo bil-hatra ta' amminstratur provizorju munit bil-fakoltajiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun taht id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386).*

*(2) Tiddikjara u tiddeciedi illi jezistu cirkostanzi ta` gravita` sufficjenti skont l-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att Dwar il-Kumpaniji;*

*(3) Konsegwentement tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-istess kumpanija CBCD Limited (C-13500) ai termini tal-istess artikolu 214(2)(b)(iii) u/jew 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpaniji.*

*(4) Taghti kull provvediment opportun sabiex jinhatar l-istralcjarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji u taghti kull ordni ohra li jidhrilha bzonnjuz skont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati ingunti minn issa in subizzjoni.*

U dan wara li ppremettiet is-segwenti:

*1. Illi l-esponenti Despuig Limited hija kreditrici tas-socjeta` intimata CBCD Limited fis-somma ta' sittax-ilelf, disa' mija, wiehed u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€16,961.88), kif jirrizulta mill-ittra tal-awditur Kenneth Dimech tas-7 ta' Jannar 2019 hawn ezebita bhala* ***Dok A;*** *u hija ukoll azzjonista maggoritarja fis-socjeta` CBCD Limited in kwantu ghandha 98.62% tal-ishma kollha fl-istess kumpanija intimata mentri l-ko-intimat Malta Bridge Club huwa azzjonist minoritarju fl-istess CBCD Limited ghal sehem ta' 1.38% mill-ishma kollha.*

*2. Illi ghalkemm l-esponenti Despuig Limited ghandha 98.62% tal-ishma kollha f'CBCD Limited, dawn l-ishma huma klassifikati bhala* ***"B shares"*** *mentri l-intimat Malta Bridge Club ghandu r-rimanenti 1.38% tal-ishma kollha fis-CBCD li huma klassifikati bhala* ***"A shares"****.*

*3. Illi konsegwenza ta' dan, diversi atti ta' amministrazzjoni huma effettivament soggetti ghall-approvazzjoni unanima tal-Bord u anki tal-laqgha generali cjoe l-B shareholders (li ghandhom il-maggoranza assoluta tal-kumpannija) flimkien mal-A shareholders (li ghandhom minnoranza). Di piu' ma jistghux isiru pagamenti minghajr l-awtorizzazzjoni miz-zewg nahat tal-klassijiet ta' ishma.*

*4. Illi m'humiex qeghdin jinzammu l-laqghat generali tal-istess kumpannija CBCD Limited u ilhom zmien twil ma jigu pprezentati jew approvati kontijiet ta' CBCD Limited minhabba l-intransigenza ta' certu diretturi u/jew azzjonisti li holqot sitwazzjoni ta' deadlock fil-kumpannija.*

*5. Illi l-uniku attiv tas-CBCD Limited jikkonsisti fil-kont bankarju relattiv u l-utili dominju perpetwu ta' appartament numru tmintax (18) formanti parti mill-Blokk numru sebghin (70), Triq it-Torri, tas-Sliema* ***("Dok. B")*** *liema appartament ilu hafna zmien mikri lill-istess intimat Malta Bridge Club* ***("Dok. C")****.*

*6. Illi ghalkemm il-kirja relattiva hjja skaduta, l-istess CBCD Limited hija effettivament prekluza milli tistitwixxi proceduri gudizzjarja relattivi kontra l-intimat inkwilin Malta Bridge Club billi l-memorandum and articles relattivi jirrikjedu l-kunsens taz-zewg klassijiet ta' shareholders.*

*7. Illi konsegwenza tas-sitwazzjoni ta' deadlock li tezisti fil-kumpannija, CBCD ghandha diversi pendenzi/ammonti dovuti sija lill-awtorita` fiskali kif ukoll lir-*

> *Registratur tal-Kumpanniji. Di piu` l-istess CBCD ghandha diversi pendenzi/ammont dovuti lil terzi, kompriz ic-cens relattiv dovut lil terza persuna, kontijiet ghas-servizzi ta'auditing u anke kontribuzzjonijiet lill-Owners' Association tal-blokk li minnhu l-appartament fuq msemmi jifforma parti.*
>
> *8. Illi r-rikorrenti qeghda, minhabba l-fatti fuq elenkati u s-sitwazzjoni ta' deadlock li tinsab fiha l-kumpanija CBCD Limited, titlob ix-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-kumpanija intimata CBCD Limited, kopja tal-Memorandum and Articles relattivi hawn annessi u mmarkati* ***"Dok. D"***

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors promotur (fol 6 sa fol 25).

Rat id-Digriet taghha tal-1 ta' Marzu 2019;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' April 2019 minn fejn jirrizulta illi nghata digriet illi bih gew nominati kuraturi *ad litem* ghas-socjeta` intimata.

Rat illi l-kuratur *ad litem* hekk appuntata pprezentat ir-Risposta tas-socjeta` intimata fis-26 ta' Gunju 2019 (fol 318).

Rat illi s-socjeta` rikorrenti ddikjarat il-provi taghha maghluqa fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2019, u dan wara illi kienet ressqet biex jixdhu lil Dr Claudette Fenech (Registratur tal-Kumpanniji), Veronica Zammit Tabona, Kenneth Dimech, oltre` l-affidavits ta' Dr Martin Testaferrata Moroni Viani, Edward Ferris u numru ta' dokumenti pprezentati.

Rat illi s-socjeta` intimata ddikjarat il-provi taghha maghluqa fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2021, u dan wara illi kienet ressqet biex jixdhu lil Dr Martin Testaferrata Moroni Viani u Bjorni Kristjannson, oltre` affidavits ta' Graham Penney, Albert Sacco u numru ta' dokumenti pprezentati.

Rat l-atti l-ohra tal-procediment.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2021, id-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom u l-procediment thalla ghall-llum ghall-provvediment.

**Ikkunsidrat illi :**

Is-socjeta` rikorrenti qeghda tressaq din it-talba ai termini ta' l-**Artikolu 214(2)(b)(iii)** tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Hija tippremetti illi is-socjeta` rikorrenti hija kreditur tas-socjeta` intimata fl-ammont ta' kwazi sbatax il-elef Euro.

Tispjega illi jezisti *impasse* fis-socjeta` intimata u dan peress illi filwaqt illi hija ghandha l-maggoranza tal-ishma ekwivalenti ghal 98.62 fil-mija li huma "B" shares, Malta Bridge Club ghandha biss 1.38 fil-mija, li huma "A" shares, u biex tigi amministrata l-kumpannija intimata, l-maggor parti tad-decizjonijiet, inkluz biex isiru hlasijiet, huwa mehtieg il-kunsens u l-ftehim unanimu taz-zewg kategoriji ta' ismha.

Is-socjeta` rikorrenti tallega illi dan mhux qed jintlahaq u allura la qed jinzammu laqghat generali annwali, la qed isiru pagament u lanqas qed jinzammu kontijiet.

Tispjega illi l-kumpannija intimata CBCD Limited ghandha kont bankarju u tigbor cens minn fond fi Triq it-Torri, tas-Sliema, liema fond huwa mikri lill-azzjonista Malta Bridge Club, anke jekk il-ftehim ta' kera skada u l-kumpannija intimata CBCD ma haditx passi biex tiehu lura l-pussess tal-fond minn ghand l-azzjonista minoritarju Malta Bridge Club.

Is-socjeta` rikorrenti tallega fir-rikors taghha illi frott din is-sitwazzjoni, li hi ssejjhilha "deadlock" – hemm pendenzi mal-Awtoritajiet Finanzjarji, mal-MFSA, ma' terzi fosthom l-awditur u kif ukoll mal-Owners Association li l-appartament taghha jaghmel parti minnhu.

Huwa f'dan il-kuntest illi s-socjeta` rikorrenti qed tinvoka l-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta u titlob ix-xoljiment u l-eventwali stralc tal-kumpannija intimata.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Provi Socjeta` Rikorrenti

Illi in sostenn ta' dak minnha allegat, il-kumpannija rikorrenti ressqet xhiedha u anke dokumenti.

Xehdet **Dr Claudette Fenech** in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpanniji (fol 141) u filwaqt illi kkonfermat illi sa dak in-nhar tad-deposizzjoni, kien hemm pendenti mal-ufficcju taghha s-somma ta' tlett elef, sitt mija u tnejn u sitting Euro (€3692) f'penali u multi. Ma jirrizultax mill-atti, illi sakemm il-kawza thalliet ghall-provvediment, dawn kienu thallsu.

L-istess xhud ikkonfermat illi l-*Annual Returns* kienu *up to date*, izda esebiet DOK CF1 li hija ittra mill-ufficcju taghha indirizzata lil Martin Testaferrata Moroni Viani u li permezz taghha huwa gie mgharraf, f'Marzu 2019, illi l-Form K tieghu u li permezz taghha kien qed jirrizenja minn Direttur tas-socjeta` intimata kienet qed tintbghat lura peress illi l-kumpannija kellha numru ta' lanjanzi mal-ufficcju tar-Registratur, fosthom numru ta' *audited accounts* neqsin u penalitajiet x'jithallsu.

Xehdet **Veronica Zammit Tabona** in rapprezentanza tas-socjeta` Arrigo Estates (fol 149) li kkonfermat illi sal-mument li kienet qed tixhed il-kumpannija intimata CBCD Limited kellha erba' snin arrettrati cens xi thallas fuq il-fond f'Tas-Sliema, ammontanti ghal total ta' ta' elfejn tmien mija u tlieta u hamsin Euro u ghoxrin centezmu (€2853.20). Tispjega illi kien hemm okkazjonijiet fejn Despuig Limited kienet thallas hi minflok CBCD Limited. Bhala membru fil-*condominium* tal-blokka appartamenti fejn hemm il-proprjeta' tas-socjeta` intimata, hija setghet ukoll tikkonferma illi kien hemm anke pendenzi tas-socjeta` intimata mal-istess *condominium*.

Xehed **Kenneth Dimech** (fol 392) li stqarr illi huwa kien jaghmel ix-xoghol ta' awditjar taz-zewg kumpanniji kontendenti f'dawn il-proceduri. Jispjega illi filwaqt illi f'dik l-istess sena illi kien qed jixhed (2019) kien ghamel l-audit tas-socjeta` rikorrenti, b'dana kollu kien ilu madwar 9 snin ma jaghmel l-audit tas-socjeta` intimata CBCD Limited anke jekk qatt ma kien mgharraf illi huwa tnehha minn direttur. Jghid illi ma setghux jigu pprezentati l-accounts tal-kumpannija CBCD lill-MFSA ghaliex l-accounts qatt ma gew approvati – l-Bridge Club jew rapprezentant tieghu, qua direttur, dejjem oggezzjonaw.

Jghid illi l-annual returns jigu sottomessi bi hlas maghmul minn Despuig Limited, izda dokumentazzjoni finanzjarja ma tistghax issir minghajr il-firma ta' kulhadd – u CBCD tkun qed tehel penali u multi fir-rigward.

Ix-xhud jirreferi ghal DOK A mar-rikors promotur (fol 6) u jispjega illi mill-informazzjoni li kellu f'idejh, seta' jikkonkludi illi s-socjeta` CBCD Limited kienet kreditur ta' Despuig Limited fl-ammont ta' sittax il-elf, disa' mija u wiehed u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€16,961.88) – li kienu pagamenti illi Despuig ghamlet ghan-nom ta' CBCD.

Ix-xhud jispjega illi l-ghan tas-socjeta` intimata CBCD huwa illi zzomm proprjeta' u l-immanigjar tal-Bridge Club, filwaqt illi Despuig ghandu numru ta' cnus illi tamministra.

Ix-xhud Dimech spjega illi l-Malta Bridge Club ma kelliex fondi biex isiru xi pagamenti u kien hemm disputa dwar xi hamest' elef Euro (€5000) li thallsu bhala depositu minn Despuig Limited lill-Condominium fir-rigward ta' tibdil ta' lift fil-blokka fejn CBCD ghandha l-appartament.

In kontro-ezami, ix-xhud jispjega illi donnu kien hemm prassi illi Despuig thallas hi u mbaghad CBCD tirrifondi, u dan hekk sar sakemm kien hemm ammont li ma ftehmux dwaru.

Dwar il-hames t'elef Euro (€5000) fuq msemmija, ighid illi peress illi l-ammont ma kiex zghir, huwa tkellem ma' Martin Testaferrata Moroni Viani, direttur ta' Despuig Limited u fehem illi dak l-ammont kellu jidhol fl-accounts, b'dan illi kien ifisser illi l-*statement of affairs* tal-kumpannija CBCD kienet ser tigi affettwata negattivament peress illi kienu ser jidhru bhala dovuti minn CBCD lil Despuig.

Mistoqsi jekk kienx konxju tal-fatt illi CBCD jikkontendu illi dik l-ispiza saret minn Despuig minghajr l-approvazzjoni tal-Bord u kwindi giet ikkuntrattata minn Dr Martin Testaferrata Moroni Viani ghan-nom ta' Despuig wahdu – ix-xhud ighid illi jezistu l-minuti tal-condominium illi jistghu jikkonfermaw x'gara.

Is-socjeta` attrici pprezentat affidavit ta' **Edwin Ferris**, resident gewwa appartament fil-blokka 70, Triq it-Torri, Sliema, l-istess block fejn tinsab il-proprjeta` tas-socjeta` intimata CBCD Limited.

Jispjega illi l-Malta Bridge Club jaghmlu uzu mill-appartament numru 18 u filwaqt illi hu ilu 20 sena ighix hemm – dan il-Club gja kien jaghmel uzu mill-fond msemmi.

Jghid illi hemm Condominium Association u hu jiehu hsieb l-accounts taghha, u jikkonferma illi l-Malta Bridge Club qatt ma hallas sehmu, la ghal manutensjoni

ordinarja u lanqas straordinarja, bhal lift il-gdid. Jghid illi hu jiehu hsieb l-hlasijiet u l-gbir tal-fondi minn ghand is-sidien, u kull ma jsir isir bi ftehim bejn is-sidien.

Jghid illi kien inbidel il-lift u minn dak in-nhar l-inkwilini Malta Bridge Club ma baqghux juzawh ghax ma ghandomx cavvetta.

Ix-xhud esebixxa l-minuti ta' laqgha tal-Comdomini msejjha fit-8 ta' Gunju 2009 fil-Lukanda Plaza, minn fejn jirrizulta illi kien hemm ftehim bejn is-sidien, inkluz CBCD illi kull sid johrog is-somma ta' hames t'elef Euro (€5000) bhala depositu ghall-lift, u kien hemm qbil illi peress illi l-lift ma kienx ser jintuza mis-socjeta` CBCD, allura l-appartament ma kellux access ghall-lift u lanqas ma kien obbligat ihallas ghall-manutensjoni tieghu.

Finalment xehed l-Avukat **Dr Martin Testaferrata Moroni Viani**, b'affidavit (fol 155) fejn spjega illi huwa direttur tas-socjeta' attrici Despuig Limited, gja Cotswold Development Ltd u jghid illi l-*ultimate beneficial owners* taghha hija l-familja tieghu.

Wara li ta sfond tal-akkwist tal-kumpannija, jispjega illi kien fis-sena 2009 illi Kenneth Dimech inhatar awditur ta' CBCD Limited. Fl-istess sena huwa kien inhatar Direttur in rappresentanza tal-"B" *shares* u Chairman ta' CBCD sakemm irrezenja fil-5 ta' Marzu 2019, cioe`, man-notifika ta' dawn il-proceduri lill-kumpannija. Jispjega illi hu u Despuig Limited irrezenjaw mill-karigi kollha taghhom fis-socjeta` CBCD appena CBCD giet notifikata bl-atti tal-kawza odjerna.

Jghid illi jirrapprezenta lil "A" *shares* bhala direttur hemm Bjarni Kristjansson, li nhatar f'Marzu 2015. Illum dan huwa l-uniku direttur tal-kumpannija intimata.

L-Avukat Testaferra Moroni Viani jispjega illi huwa qatt ma ltaqa' ma' Graham Penny, ic-Chairman tal-Malta Bridge Club. Jikkonferma illi meta l-familja tieghu xtraw il-kumpannija Cotswold, illum CBCD, kienu konxji illi l-uniku ass kien l-appartament gewwa Tas-Sliema, u kienu konxji ukoll illi dak l-appartament kien mikri lil Malta Bridge Club sa mis-sena 1991, u kienet ghal 10 snin rinnovvabli a scelta ta' l-inkwilin minn sena ghall-ohra versu l-kera ta' disa' mija u hamsin Liri Maltin (Lm950).

Moghti dan l-isfond, ix-xhud jirreferi ghal DOK A mar-rikors promotur, ossia l-istatement redatt minn Kenneth Dimech, u jikkonferma l-kreditu a favur is-socjeta` Despuig Limited, liema ammont jirrapprezenta bilanc minn somma akbar ta' flejjes mahruga minn Despuig a beneficcju tas-sussidjarja taghha, CBCD. Jzid ighid illi mas-somma hemmek indikata trid tizdied is-somma mhallsa kif muri f'DOK M15.

Ix-xhud jghid illi CBCD mhix debitur biss ta' Despuig, imma anke ta' terzi persuni ohra, bhall-Awditur, l-MFSA u l-Owners Association u jikkalkula illi hemm mal-hmistax il-elef Euro ohra (€15,000).

Filwaqt illi jikkonferma illi hemm arrettrati ta' cens dovuti minn CBCD, ighid illi kien ghalxejn illi ccirkola korrispondenza fir-rigward mal-membri l-ohra tal-kumpannija.

Ix-xhud jghid illi filwaqt illi hemm il-fuq minn tletin elf Euro (€30,000) f'dejn, flus kontanti hemm biss ftit anqas minn erbatax il-elf Euro (€14,000), kif jixhed DOK M23. Jghid illi l-uniku introjtu illi ghandha l-kumpannija intimata CBCD hija l-kera ta' Malta Bridge

Club li bl-emendi fil-ligi tal-kera suppost li thallaq is-somma ta' tlett elef mitejn u hamsin Euro (€3250) fis-sena – li mhux bizzejjed biex tkampa mal-ispejjes u d-dejn taghha.

Ix-xhud kompla ighid illi Despuig ma kelliex problema tissussidja lis-sussidjarja taghha CBCD sakemm il-flejjes jigu ritornati. Issa kien car illi s-shareholder l-iehor in rapprezentanza tal-"A" shares ma kienx lest jawtorizza hlasijiet. Kienu annessi anki diversi korrispondenza.

Ix-xhud jirreferi ghall-artikoli 3, 6.1, 18, 18.1, 18.2, 18.7 u 20 bhala dawk l-artikoli fl-istatut illi qed joholqu d-*deadlock*, ghaliex is-*shareholder* minoritarju ghandu l-istess vot bhal dak maggoritarju ghall-affarijiet rizervati ghall-laqghat generali.

Dwar id-dizgwid illi nqala' fuq il-hlas ta' hames t'elef Euro ghall-lift tal-blokk, ix-xhud ighid illi kien ghamel suggeriment biex ikun hemm soluzzjoni temporanja bil-ghan illi jsiru l-acounts u ma jkunx hemm multi – imma r-rappresentanti ta' Malta Bridge Club ma riedux illi l-ammont jintwera fl-accounts tal-kumpannija CBCD.

Jispjega, anke fl-isfond storiku tal-izvolgiment tal-kumpannija, kif jekk ma jkunx hemm rizoluzzjoni bil-kunsens taz-zewg *shareholders*, allura ma jistghux jigu inizjalati proceduri ghat-terminazzjoni tal-kirja msemmija u ighid illi baqa' konvenjenti ghalihom illi jaghmlu dan u jghabbu lil CBCD bil-pizijiet finanzjarji taghhom.

Fir-rigward tal-kirja, ix-xhud ighid illi l-lift mhux inkluz fil-kirja u di piu`, qua inkwilini, il-Bridge Club kienet qed tikkreja xi problemi ma' sidien jew inkwilini ohra fil-block.

Jispejga illi peress illi kien car illi l-Malta Bridge Club ma kinitx qed taghmel distinzjoni bejn iz-zewg rwoli taghha fir-rigward tal-appartament de quo, ossia, dak ta' inkwilini u dak ta' ko-proprjetarja – allura wasal ghal kompromess mal-Association fis-sens illi CBCD taghmel hlas ta' darba ta' hames t'elef Euro (€5000) a favur l-istallazzjoni ta' lift gdid u jekk l-Malta Bridge Club qua inkwilini jkunu jridu jaghmlu uzu mill-lift, allura l-Association kellha tidhol fi ftehim hi mal-inkwilini sabiex dan isir versu l-kontribuzzjoni taghhom ghall-manutensjoni.

Ix-xhud ighid illi qua inkwilini, l-Malta Bridge Club baqa' jabbuza kemm mill-uzu tal-lift u kif ukoll mill-uzu tal-komun b'detriment ghas-sidien u inkwilini ohra – u kull tentattiv sabiex jirrizolvi dawn il-problemi billi jgibhom a konjizzjoni ta' Malta Bridge club safa fix-xejn.

Jghid illi f'dawn ic-cirkostanzi, ma jibqghax skop illi CBCD Limited tibqa' tezisti, anke ghaliex fic-cirkostanzi de quo, Despuig ma kinitx lesta illi tkompli tassissti lil CBCD Limited.

Finalment il-Qorti hadet konjizzjoni ukoll mhux biss tad-diversi dokumenti annessi mal-affidavits, imma ukoll dawk annessi man-nota tas-socjeta` rikorrenti pprezentata fl-udjenza tal-15 ta' Otubru 2019.

**Ikkunsidtrat ukoll**:

<u>Provi Socjeta` Intimata</u>

Illi bhala provi taghha, is-socjeta` intimata pproduciet lill-**Avukat Martin Testaferrata Moroni Viani**, li fl-udjenza tat-2 ta' Dicembru 2019 kkonferma illi huwa kien irrezenja minn direttur, segretarju, chairman u rapprezentant legali tas-socjeta` intimata CBCD Limited. Ukoll jikkonferma illi filwaqt illi personalment ma ghandux *shareholding* fil-kumpannija msemmija, pero` bhala kumpannija Despuig ghandu.

Dwar il-fatt illi l-MFSA ma kinitx accettat ir-rizenja tieghu, huwa ighid illi fil-mori tal-kawza Despuig hallset xi multi u sussegwentament gew accetti il-formoli tar-rizenja tieghu.

Hu ighid illi Despuig mhix qed tikkonsidra tappunta direttur gdid fic-cirkostanzi illi CBCD tinsab fiha frott l-intransigenza ta' Kristjannson u l-Malta Bridge Club.

Jispjega illi meta saret il-*conversion* u ha l-kontroll tal-kumpannija bhala chairperson, kienu saru xi tibdiliet, fost ohrajn bhal bdil ta' awditur. Jghid illi fil-bidu kien hemm intendiment illi spejjes jinharrgu minn Despuig u mbaghad ikun hemm rifuzjoni. Jghid illi l-bidu kollox mexa sewwa, sakemm mbaghad bdiet tfalli mir-rifuzjoni tal-ispejjes u beda jsir diskors fuq l-inkwilinat tal-Malta Bridge Club.

Ix-xhud jghid illi certu decizjonijiet tal-kumpannija CBCD *on reserved matters* kellhom jittiehdu bil-kunsens ta' direttur minn kull klassi ta' shares. Jikkonferma illi l-*chemistry* bejnu u d-direttur nominat mill-Malta Bridge Club ma hadimx u gie kkreat id-*deadlock*.

Jghid illi l-bord tad-diretturi ma jistghax jiffunzjona minghajr diretturi nominati minn Despuig u filwaqt illi huwa veru illi ma nhatar hadd biex jissosstitwixxi lilu, b'dana kollu Despuig thoss illi ma ghadx hemm skop ghall-kumpannija CBCD.

Dwar il-kont bankarju tal-kumpannija intimata, ix-xhud ighid illi minkejja r-rizenja tieghu, aktarx illi ghadu firmatarju, anke jekk ighid illi xi zmien qabel kien ircieva xi formoli mill-Bank u baghathom lid-Direttur l-iehor li baqa' qatt ma rrisponda.

Mistoqsi specifikament, ix-xhud ighid illi huwa, qua firmatarju tal-kont bankarju ta' CBCD kien lest illi jiffirma ghall-hlasijiet ta' kontijiet ta' terzi sal-massimu tal-flus depositati fl-istess kont bankarju. Kien qed jifhem pero` illi dawk it-terzi jfissru ukoll ir-rifuzjoni ta' hlasijiet li Despuig gja kienet ghamlet.

Dr Martin Testaferrata Moroni Viani jghid illi l-"A" *Class Shareholders* qed joggezzjonaw illi jsiru hlasijiet u rifuzjoni lil Despuig principalment ghaliex, riferibbli ghall-hlas tal-EUR5000 tal-lift tal-block, jsostnu illi ttiehdet decizjoni unilaterali minghjajr il-kunsens tal-Bord tal-kumpannija CBCD.

Jispjega pero` illi kien hemm rizoluzzjoni tal-Assocation tal-Condominium li obbligat lil CBCD sabiex bhala sid, thallas is-sehem taghha ta' hames t'elef Euro. Jghid illi meta ra hekk hallas il-hames t'elef Euro lill-Association u bhal ma kien isir, ippretenda r-rifuzjoni da parti ta' CBCD, li minn naha taghhom, flok rifuzjoni, oggezzjonaw ghax qalet illi CBCD ma kinitx awtorizzat dak il-hlas. Jikkonferma bhala fatt illi ma hax id-decizjoni mal-Bord ta' CBCD.

Isostni illi b'dak li qed jigri fil-kumpannija "*it's not taking us anywhere*", ghaliex anke meta joqghod fuq parir professjonali tal-awditur biex isir hlas, id-direttur l-iehor joggezzjona.

Ix-xhud jikkonferma illi l-iskop ta' CBCD wara illi l-familja tieghu hadet over baqa' l-istess, ossia, illi CBCD tiddetjeni bi proprjeta' l-fond f'Tas-Sliema, tikrih lil Malta Bridge Club u tigbor il-kera minn ghandha.

Xehed permezz ta' affidavit **Graham Arthur Penny**, Chairman tal-Malta Bridge Club. Huwa ighid illi ilu Chairman sa mis-sena 2012 u wara li spjega kif il-Club kien qabel jikri f'Tagliaferro Centre, spicca jiehu l-kirja tal-fond de quo, f'liema kirja ma kien hemm ebda eskluzjoni tal-uzu tal-partijiet komuni tal-block, inkluz mill-lift. Jghid illi wara li l-Association cahdithom mill-uzu tal-lift bl-introduzzjoni ta' cavetta ghall-lift, il-Club tilef madwar 20 membru illi ma jistghux jitilghu turgien.

Jispjega illi meta gie biex jinbidel il-lift, l-Avukat Testaferrata Moroni Viani ghamel arrangement mal-Association, peress illi l-Club ma kienx qed juza l-lift, fis-sens illi huwa jhallas pagament ta' darba ta' hames t'elef Euro minghajr obbligu ta' hlas ta' manutenzjoni. Ix-xhud isostni illi dan ma messux ghamlu peress illi l-Club mhux projbit, bis-sahha tal-kirja, milli juza l-lift.

Jghid illi d-direttur nominat mill-Club ta' dak in-nhar, Albert Sacco, irrifjuta illi jiffirma illi CBCD thallas dawk il-flejjes peress illi kien hemm stat ta' illegalita`.

Fir-rigward ta' pagamenti ohra dovuti, ighid illi kemm ilu dam Chairman tal-Club, kemm Sacco, kemm Attard Manche` u kif ukoll id-direttur attwali Kristjannson ghamilu hilithom biex jottjenu ricevuti tal-hlasijiet dovuti, izda l-Avukat Testaferrata Moroni Viani qatt ma pproduca l-istess. Jghid ukoll illi saret offerta lill-Avukat Testaferrata Moroni Viani sabiex jinxtraw l-ismha rimanenti fil-kumpannija CBCD u b'hekk ikun hemm *cash input* ta' kwazi sebat'elef Euro u jithallas id-dejn. Jghid illi l-Avukat Testaferrata Moroni Viani rrifjuta din l-offerta.

Ix-xhud jaghmel referenza ghall-ispejjes inkorsi direttament mill-Malta Bridge Club ghal riparazzjoni u miljoramenti fil-fond u liema spejjes saru ghan-nom tas-sid CBCD, fosthom manutensjoni fuq il-gallarija fl-ammont ta' €2184, xoghol fuq gulley fl-ammont ta' €200 u video intercom fl-ammont ta' €186.

Finalment jichad illi d-*deadlock* huwa rizultat ta' intransigenza tad-direttur rapprezentant tal-"A" *Shares* u ighid illi li kien ghalihom, issir l-AGM biex jigu approvati l-*accounts* u jsir il-filing fejn necessarju.

**Albert Sacco** ukoll xehed permezz ta' affidavit (fol 439) u ighid illi meta l-Avukat Testaferrata Moroni Viani assuma l-amminstrazzjoni tal-kumpannija CBCD, kien qieghed jaghmel dak li l-Bank of Valletta kien jaghmel qabel ghal snin shah qabel l-akkwist ta' Despuig mill-familja Testaferrata Moroni Viani.

Jghid illi appena l-Avukat Testaferrata Moroni Viani sar *legal advisor* tal-kumpannija, bdew il-problemi. Beda biex ma hallihx aktar jattendi l-laqghat tal-Owners' Association u beda jattendi hu – ghall-liema qatt ma ta minuti lill-Bord tal-kumpannija CBCD. Jghid illi l-Avukat Testaferrata Moroni Viani anke naqas milli jattendi certi meetings tal-Association bir-rizultat anke illi ntilfu fondi li kienu jkunu utli immens biex il-kumpannija ma tkunx fl-istat finanzjarju li hi llum.

Jghid illi fiz-zmien illi huwa kien Direttur u jattendi l-laqghat tal-Association, kien hemm disputa bejn il-Club u l-Association dwar l-uzu tal-lift. Il-Club kien isostni illi ghandu dritt juza l-lift anke ghaliex CBCD kienet thallas regolament ghall-manutensjoni tieghu, filwaqt illi l-Association kienet issostni li l-membri tal-Club ma setghux juzaw il-lift.

Jghid illi f'dan iz-zmien ta' tilwima fuq l-uzu tal-lift, kien sar necessarju illi jinbiddlu l-lifts u l-Avukat Testaferrata Moroni Viani kien ha decizjoni illi jhallas sehem CBCD minghajr ma gharrfu bhala direttur, u hallas hames t'elef euro minn kumpannija ohra. Meta gie ghar-rifuzjoni, ix-xhud ighid illi huwa oggezzjoni kemm ghaliex ma kienx konsultat u kif ukoll in vista tad-disputa illi kienet tezisti dwar l-uzu tal-lift.

Minhabba dan id-dizgwid, l-*accounts* qatt ma gew iffirmati sabiex ma nehlux penali, anke jekk ix-xhud ighid illi kien offra lill-Avukat Testaferrata Moroni Viani li jiffirma b'rizerva – ghall-liema offerta baqa' qatt ma rcieva risposta. Jghid illi wara sar jaf illi ghas-sena 2010 l-*accounts* kienu iffirmati biss mill-Avukat Testaferrata Moroni Viani u filed hekk.

Ix-xhud isostni illi ghall-Avukat Testaferrata Moroni Viani l-uniku mod biex jehles mill-kirja kien billi jxolji CBCD u dan peress illi sa minn zmien il-Bank of Valletta plc, l-intendiment kien car hafna, dak illi l-Malta Bridge Club ikollha l-assikurazzjoni ta kirja perpetwa tant illi kien stipulat illi l-Artiklu 20 tal-M&A tal-kumpannija kien jistipula illi biex isir mod iehor kien hemm bzonn rizoluzzjoni ffirmata u approvata minn almenu rapprezentat wiehed taz-zewg tipi ta' shares.

Jiddikjara illi CBCD ma giex mwaqqfa bhala *profit making concern* – imma mwaqqfa sabiex il-Bank of Valletta plc u l-Malta Bridge Club jakkwistaw proprjeta' f'Tas Sliema, l-fond in kwistjoni, sabiex il-Club jivvaka minn Tagliaferro Centre.

**Bjorni Kristjannson**, id-direttur attwali fil-kumpannija CBCD rappresentanti l-"A" *Shares*, xehed darbtejn. Fis-seduta tat-18 ta Frar 2020 (fol 443 – b'verzjoni aktar korretta tat-traskrizzjoni a fol 462) huwa qal illi madwar 10 snin qabel kien gie Malta u ssieheb fil-Malta Bridge Club u ghal habta tas-sena 2015, sar direttur ta' CBCD in rapprezentanza tal-"A" *Shares*.

Wara li spjega ir-retroxena tal-kumpannija de quo, fis-sens illi l-Club kien igawd1 lokazzjoni perpetwa f'fond iehor imma l-Bank BOV ried li jizgombra lill-inkwilini kollha – kien intlahaq ftehim bejn il-Bank u l-Club illi jinxtara il-fond de quo bil-kumpannija CBCD u l-Club jibqa' jgawdi kirja perpetwa tal-fond mixtri. Jispjega illi CBCD tfisser Central Bridge Club Development – peress illi qabel l-isem ufficjali ma kienx Malta Bridge Club izda Central Bridge Club. Jghid ukoll illi nzammet l-istess kera fuq il-fond il-gdid kif kienet fuq il-fond l-antik.

Jispejga kif meta sar direttur, talab dokumentazzjoni in sostenn tal-pretensjonijiet ta' Despuig u wara hafna zmien rcieva *spreadsheet* – li ghalih ma kinitx accettabbi. Kien biss wara hafna insistenza illi rcieva numru ta' dokumenti, minn fejn CBCD setghet tinnota illi kien hemm pretensjonijiet doppji, ohrajn gja rifuzi u ammonti li ma kienux spejjes relatati ma' CBCD. Jispjega illi fl-ahhar sar rimbors ta' madwar disa' t'elef Euro minn CBCD minn total rikjest ta' sbatax il-elef Euro, u wara li sar il-hlas, ntqal minn Despuig li kien hemm aktar dokumenti u hlasijiet li saru li CBCD kellha tirrimborsa. Hu

jghid illi bhala Direttur kien stieden lil Despuig tibghat l-inkartament necessarju u relattiv, u wara li jistudjhom, jekk ikun il-kaz, jirrimborsa. Izda Despuig qatt ma baghtet aktar dokumentazzjoni.

Fir-rigward tal-problema tal-lift, ix-xhud ighid illi l-Association riedet li kull appartament jhallas hames t'elef Euro u l-Avukat Testaferrata Moroni Viani ghamel ftehim mal-Association sabiex jithallsu dawn il-flus bil-kundizzjoni illi CBCD ma jkolliex tinkorri spejjes ta' manutensjoni tal-lift peress illi l-lift ma kienx ser jintuza minnha jew l-inkwilin taghha, ossia, il-Club.

Jghid illi dan kien detrimentali ghall-Club u l-pagament ma giex rifuz ghaliex ma kienx hemm invoice imma biss ricevuta u ma kienx kiseb l-awtorizazzjoni tal-bord ta' CBCD qabel ma ftiehem hekk. Fuq domanda tal-Qorti ix-xhud jikkonferma illi fil-laqgha tal-Association, l-Avukat Testaferrata Moroni Viani kien qed jirrapprezenta lil CBCD.

Jghid illi l-problema principali tal-Club ma kinitx il-hlas tal-hames t'elef euro imma il-ftehim li l-Avukat Testaferrata Moroni Viani ghamel mal-Association sabiex il-membri tal-Club ma juzawx il-lift.

Jghid illi ghalkemm il-flejjes tal-kumpannija huma limitati, il-kumpannija CBCD kienet aktarx tkun f'posizzjoni li thallas is-sehem taghha ta' hames t'elef euro, izda dan ma ghamlitux ghaliex mhemmx ftehim bil-miktub fir-rigward. Ma hemmx loan agreement ma' Despuig u biex isir dan l-agreement irid ikun hemm il-ftehim u l-kunsens taz-zewg partijiet.

Ix-xhud jikkontendi illi ma kien hemm l-ebda ftehim ma' Despuig illi tohrog flejjes hi u mbaghad isir ir-rimbors – jsostni illi dik kienet decizjoni unilaterali ta' l-Avukat Testaferrata Moroni Viani. Jghid pero` illi kien hemm istanzi fejn Despuig hallset ghall-manutensjoni tal-komun mbaghad CBCD rrimborsat meta rceviet l-inkaritament.

Jikkonferma pero` illi kien hemm xi hlasijiet, bhal dawk relattivi ghal xoghol fuq gallarija, video camera u drains illi ghamlet l-Malta Bridge Club u ppretendiet rimbors minn CBCD.

Dwar l-istat attwali tal-kumpannija CBCD ighid illi wara r-rizenja ta' l-Avukat Testaferrata Moroni Viani, huwa jinsab direttur wahdu fil-kumpannija, u la hemm direttur tal-"B" *Shares*, la hemm segretarju tal-kumpannija u lanqas Chairman. Jispjega illi jinsab dispjacut bis-sitwazzjoni u wahdu ma jista' jaghmel xejn. Jghid illi l-Avukat Testaferrata Moroni Viani ntalab jara jekk Despuig tridx tinnomina direttur iehor – imma dan ma sarx u ghalhekk il-kumpannija tinsab stagnata. L-istess sitwazzjoni fir-rigward tal-kont bankarju tal-kumpannija.

Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020, l-istess xhud **Bjorni Kristjannson** xehed illi wara illi stabbilew mal-MFSA illi kienu responsabbli ghall-hlasijiet b'lura u penali, uzaw dan il-fatt bhala bazi biex jirrifjutaw illi jaghmlu ir-rimbors ta' ammonti rikjesti minn Despuig.

Jghid illi meta hu u l-predecessur tieghu daru l-lista provduta minn Despuig ghall-hlas tar-rimbors, sabu illi hafna mill-pretensjonijiet gja kienu mhallsa, peress illi bejn zmienu u ta' qabblu, kien saru madwar tlettax il-elf Euro f'rimborsi lil Despuig. Jghid illi kien anke kiteb lil Dr Martin Testaferrata Moroni Viani fuq hames kriterji fuq kif kien ser

jevalwa l-ispejjes ghar-rimbors u jsehhilhom "*basic business rules that use for reimbursement*".

Jghid illi kien hemm okkazjoni meta staqsew ghaliex kull spiza qed tohrog minn Despuig u mbaghad ikun hemm rimbors meta kien hemm fondi fil-kont ta' CBCD li minnhom setghu jsiru pagament diretti – izda baqghu bla risposta. Pero` jispjega illi sussegwentament kien ircieva korrispondenza minn fejn jirrizulta illi Despuig ma kinitx se taghmel aktar spejjes u l-ispejjes kellhom isiru direttament minn CBCD. Jghid illi b'hekk hareg il-kont ta' sbatax il-elef ghaliex Despuig ippretenda l-hlas f'rimbors ta' dak l-ammont kkontestat qabel ma jsiru pagament diretti minn CBCD.

Ix-xhud spjega illi wara li ezamina t-talba ta' Despuig, ikkonkluda illi mis-somma ta' sbatax il-elef, huma tlett elef sitt mija u wiehed u erbghin Euro li huma spejjes kkonfermati u accettati ta' CBCD. Dwar jekk hux f'posizzjoni illi jsir dak il-hlas illum, ix-xhud jghid illi m'ghandux ikun hemm problema jsir dak il-hlas imma lanqas fuq il-kont bankarju ma ghandu jedd aktar.

Jaghti rendikont tar-rimborsi li saru u ighid illi kieku possibbli – jsir dan ir-rimbors ukoll.

Imbaghad jkun jifdal il-hames t'elef Euro tal-lift li fuqu hemm id-dizgwid. Jsostni illi mhux sewwa li CBCD thallas ghal xi haga li mhix awtorizzata tuza.

Jifdal ukoll madwar hames t'elef u erba' mija illi m'hemmx dokumentazzjoni adekwati ghalihom u bilanc illi x-xhud isostni illi ma humiex spejjes li ghanda tinkorri CBCD, bhal spejjes ta' Avukat biex Despuig kitbet lilhom etc.

Jghid illi apparti l-kwistjoni tar-rimbors hemm ragunijiet ohra ghaliex il-kumpannija wasslet fid-*deadlock* li qeghda fiha llum, fosthom il-kwistjoni tal-lift.

Finalment Bjorni Kristjannson xehed fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2021 u in kontro-ezami kkonferma illi kien irrifjuta jirrifondi l-hames t'elef Euro ghaliex ma kienx hemm *loan agreement*, anke jekk gieli kienu saru rimborsi ta' spejjes fil-passat. Jinsisti b'dana kollu illi f'dan il-kaz il-*loan agreement* intalab peress illi kienet spiza straordinarja u allura kien necessarju il-kunsens taz-zewg diretturi.

Ix-xhud ma' jichadx illi Dr Martin Testaferrata Moroni Viani seta' kien qallu illi jekk CBCD thallas ghall-lift u l-manutensjoni tieghu, allura l-membri tal-Malta Bridge Club kienu setghu jaghmlu uzu mill-lift. Stranament ighid "*I wasn't very interested in the lift*" u darb'ohra ighid "*I don't remember that. It may have happened, but we never talked really*".

Jikkonferma illi illum l-kumpannija lanqas ma ghandu Bord tad-Diretturi kompost skond l-istatut. Jikkonferma ukoll illi l-Malta Bridge Club ghamlet il-pagament relattiv ghall-gallarija ghan-nom ta' CBCD ghaliex kienet mitluba taghmel dan minn Dr Martin Testaferrata Moroni Viani, anke jekk ma kienx hemm ftehim jew rizoluzzjoni tal-kumpannija sabiex dan isir. Jghid illi l-istat perikoluz tal-gallariji kien jinnecesita azzjoni immedjata.

**Wara illi l-Qorti fliet id-dokumenti voleminuzi pprezentati f'din il-kawza, ikkunsidrat Ultejrorment:**

Illi l-procedura odjerna hija bbazata fuq l-artiklu 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, li tghid essenzjalment illi kumpannija għandha tkun xjolta bil-qorti fil-każ illi l-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpannija.

Testwalment ighid hekk l-**Artiklu 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386**:

> *Kumpannija **ghanda** tkun xjolta bil-Qorti meta il-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija.*

Bil-kliem "*il-qorti tkun tal-fehma*", il-legislatur certament li ried illi tithalla lill-Qorti diskrezzjoni wiesa` sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma taghha jirrizultawx fatti u cirkostanzi "*gravi bizzejjed*" biex tasal biex tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralc.

Anzi, irid jinghad illi peress illi l-leglislatur kien car fi kliemu fis-sens illi "*kumpannija ghandha*", allura, jekk il-Qorti tistabilixxi l-gravita`, allura minn hemm `il quddiem il-Qorti ma ghandiex ghazla jew diskrezzjoni u tkun obbligata tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralc tal-kumpannija.

Issa jrid jinghad illi d-diskrezzjoni tal-Qorti tkompli tiehu xejra dejjem aktar wiesa' meta wiehed iqis illi l-legislatur ma pprovdiex u ma jaghtix tifsira ta` "*ragunijiet gravi bizzejjed*".

Kif gja kellha opportunitajiet ohra tghid din il-Qorti, anke kif diversament preseduta, il-Qorti ma ghandha tiskarta xejn, u allura huwa gustifikat jinghad illi sabiex tistabilixxi jekk fatti jew cirkostanzi humiex gravi bizzejjed, m`ghandhiex toqghod fuq grajjiet li jkun sehhew sad-data tal-presentata tar-rikors promotur, izda ghandha taghti piz ukoll lil kull ma jigri anke wara, sa ma tigi biex taghti d-decizjoni taghha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti tibda' biex tinnota illi ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar il-mod kif l-ismha fis-socjeta` intimata jinsabu maqsumin bejn is-socjeta` rikorrenti u Malta Bridge Club u l-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija esebit mar-rikors mhux ikkontestat. Lanqas ma jirrizulta illi hemm kontestazzjoni dwar is-sahha tal-ismha, jekk mhux "A" jew "B" shares fi hdan il-kumpannija.

Jirrizulta illi l-kumpannija CBCD Limited hija kumpannija mwaqqfa bl-iskopijiet ewlenin (Objects) elekati hekk:

> *To carry on the business of a property company and to acquire by any title whatsoever, including lease, purchase or otherwise, and to dispose of, or otherwise deal in such property under any title.*

*To deal in and hold under any title immovable property for the purpose of development, resale and/or lease, and to collect rents and other income or proceeds from such business*

*To do all such things as are incidental or conducive to the attainment of the above objects or any of one them.*

Jirrizulta ukoll illi CBCD Limited ghamlet l-uniku akkwist ta' proprjeta` immobbli f'Jannar tas-sena 1992, meta akkwistat il-fond 70/18, Tower Road, Sliema u minn dak in-nhar l'hawn il-kumpannija operat biss biex tigbor il-kera minn ghand Malta Bridge Club li lilha l-fond msemmi huwa mikri, thallas ic-cens dovut fuq il-fond *de quo* lil Arrigo Estates u tiehu hsieb l-obbligi u d-drittijiet taghha fil-konfront tal-unika proprjeta' minnha akkwistata, kemm dawk lokatizji u kif ukoll fil-konfront tal-Association tal-block.

Jirrizulta illi l-kumpannija kellha titmexxa minn tlett diretturi, tnejn minnhom appuntati minn Despuig Limited qua azzjonista u detentrici tal-"B" Shares – hekk msejjha B Directors, u iehor appuntat mill-Malta Bridge Club, detentrici tal-"A" shares – hekk msejjah A Director.

Jirrizulta ukoll illi llum u ghal dawn l-ahhar tlett snin, il-kumpannija ma kellha ebda Bord tad-Diretturi jiffunzjona peress illi ma hux kompost skond l-istatut tal-kumpannija wara r-rizenja tal-B Director, rapprezentat ta' Despuig Limited.

Jirrizulta ukoll illi kien hemm dizgwid bejn id-diretturi tal-kumpannija, sa minn zmien qabel li giet intavolata din l-odjerna procedura. Jirrizulta illi dan id-dizgwid gej minn numru ta' fatturi.

- hemm kwistjoni dwar l-uzu tal-partijiet komuni u jekk il-lift hux inkluz jew eskluz mill-kirja lil Malta Bridge Club;
- hemm dizgwid fir-rigward ta' spejjes maghmula fuq il-lift tal-blokk fejn tinsab din il-proprjeta`, partikolament il-lift;
- hemm kwistjonijiet ta' rimbors ta' fondi li qed tippretendi Despuig, kemm fl-ammont riklamat u kif ukoll fil-mod kif qed isiru l-affarijiet;
- hemm dizgwid dwar ftehim illi l-B Director dahal fih mal-Association allegatament minghajr l-approvazzjoni tal-Bord ta' CBCD Limited.

Lista twila ta' ragunijiet ghaliex hemm id-dizgwid bejn id-diretturi u finalment bejn l-azzjonisti tal-kumpannija intimata.

Mill-apprezzament tal-provi maghmula minn din il-Qorti, irid jinghad illi kull parti ghandha t-tortijiet taghha biex il-kumpannija wasslet fl-istat li qeghda fiha llum. Ma kinitx biss kwistjoni ta' *chemistry* bejn id-diretturi li ma hadmitx. Dik ukoll, imma mhux biss.

Hekk per ezempju, il-Qorti issib stramb kif l-Malta Bridge Club tghid illi kienet decizjoni unilaterali tad-Direttur B illi l-pagamenti jsiru minn Despuig Limited u mbaghad ikun hemm ir-rimborsi – imma jirrizulta illi fil-passat din is-sistema hadmet diversi drabi u saru diversi rimborsi minghajr ma jirrizulta illi kien hemm xi protesta jew oggezzjoni da parti tad-Direttur A.

Hekk ukoll minn naha l-ohra huwa stramb illi Despuig Limited dahhlet hi biex taghmel pagament mbaghad titlob rimbors meta in effetti CBCD kellha fil-kont taghha kwantita' ta' fondi u hafna mill-hlasijiet setghu facilment saru mill-kont bankarju taghha stess. Aktarx l-affarijiet kienu jkunu ferm aktar trasparenti b'dak il-mod.

Il-Qorti issib stramb per ezempju kif d-Direttur A jghid illi l-*chemistry* bejn id-diretturi ma hadmitx, wahhal fid-Direttur B u ghalhekk talab lil Despuig tinnomina direttur iehor forsi l-affarijiet jimxu ahjar, imma naqqset milli tinvoka anke hi l-artiklu 30 tal-Articles of Assocation u ghaddiet biex innominat *Alternative Director* hi.

Il-Qorti issib ukoll stramb illi l-azzjonist bl-A shares qed iqis illi b'dak li sar mid-Direttur B huwa evidenti illi l-azzjonist B warrab l-interessi u d-drittijiet tal-azzjonist A, izda fl-istess hin naqas milli jiehu passi biex jipprotegi dawk id-drittijiet.

Il-Qorti issib ukoll, fl-isfond tal-problemi kollha riskontrati, illi l-fatt illi l-azzjonist A jilbes kemm il-kappell apputu ta' azzjonist imma ukoll ta' inkwilin tal-uniku fond tal-kumpannija, dan ma ghenx biex is-sitwazzjoni timmiljora – anzi, huwa verosimili illi din is-sitwazzjoni ikkumplikat l-operat tal-istess kumpannija CBCD.

Din il-Qorti, f'dawn il-proceduri, mhix qeghda hawn biex tistabilixxi jew tiddikjara ta' min hu t-tort. Jekk l-azzjonisti jew id-diretturi jidhrilhom illi Qorti ghandha taghmel dan – allura jmesshom ittiehdu proceduri ohra u differenti. Hawnekk il-Qorti qed tara biss, u ser tesprima ruha biss, biex ixxolji jew le il-kumpannija CBCD Limited fit-termini tal-Artiklu 214(2)(b)(iii) u xejn izjed.

Tghid biss illi certament illi agir aktar matur, meqjus u aktar responsabbli minn nies involuti fit-tmexxija tal-kumpannija kien mistenna biex il-kumpannija ma tasalx hawnekk – u jekk hemm motivi ulterjuri, li l-Qorti ma teskludihomx, dawn m'ghandhomx ghalfejn jigu diskussi hawnekk ghal finijiet ta' l-ezercizzju li qed isir. Kif gja inghad aktar il-fuq, l-ezercizzju hawnekk maghmul huwa biss biex il-Qorti tara hix tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed biex tordna illi l-kumpannija CBCD Limited tigi xjolta u konsegwentament stralcjata jew le.

Hu ta' min hu t-tort, sewwa ighid id-difensur tas-socjeta` attrici fit-trattazzjoni tieghu, illi s-<u>sitwazzjoni prezenti</u> qed izomm lill-kumpannija milli tahdem u topera tajjeb. Hemm kollass totali fir-relazzjoni ta' bejniethom, kemm is-socji u kif ukoll id-diretturi.

## <u>**Ikkunsidrat Ulterjorment:**</u>

> *A company`s substratum is the purpose or group of purposes which it is formed to achieve – in other words, its main objects. If the company has abandoned all its main objects (and not merely some of them) or if in practice it cannot achieve any of them, its substratum has disappeared …*[1]

B'dan l-insenjament f'mohh il-Qorti, bilfors illi jittiehed kont tal-fatt illi l-kumpannija baqghet bl-uniku proprjeta' illi kellha l-kumpannija, dik f'Tower Road, Tas-Sliema.

[1] **Principles of Maltese Company Law** (MUP – 2007) tal-professur Andrew Muscat, pagna 1020

Mhux biss, imma dik il-proprjeta` hija soggetta ghall-hlas ta' cens, liema cens ma jirrizultax illi qed jithallas. Oltre` dan, il-proprjeta` hija soggetta ghal relazzjoni lokatizja bejnha u l-Malta Bridge Club, liema relazzjoni lokatizja, jidher evidenti illi qed taffaccja problemi li jinhtieg illi jigu rizolti. Imma certament ma jistghax jinghad illi l-kumpannija qeghda f'posizzjoni jew sitwazzjoni sabiex tkompli trawwem u tindokra dik ir-relazzjoni kontrattwali lokatizja. F'dan ix-xenarju, il-Qorti thoss illi jinsabu kompromessi l-*objects* taghha kif stipulat fit-tielet artiklu tal-Memorandum.

Ukoll, il-Qorti tqis illi l-fatt illi il-kumpannija issa ilha ghal madwar tlett snin minghajr bord tad-diretturi, (hi ghall-liema raguni hi), huwa ferm preokkupanti fis-sens illi certament illi l-kumpannija ma tistghax topera biex tilhaq l-ghanijiet taghha u li ghaliha twaqqfet. Bis-sitwazzjoni kif inhi llum, u bl-apatija taz-zewg nahiet illi jittantaw jirrizolvu dan l-*impasse* kif hawn fuq spjegat (billi jbiddlu l-*chemistry* tad-diretturi) – il-Qorti ma tarax wisq possibilita' illi l-kumpannija tibqa' topera u taqdi l-funzjonijiet taghha fir-rigward tal-uniku proprjeta' illi ghandha.

F'dan il-kuntest issir referenza ghas-segwenti bran:

> *A compulsory winding-up on grounds of fairness under the Insolvency Act 1986 [s 122(1)(g)] … may occur, for example, when the purpose of the company cannot be achieved, when the management is deadlocked or has been guilty of serious irregularities, or, in small companies run on the basis of mutual trust between members, when the majority have exercised their legal rights in breach of a common understanding between the members when the company was formed.*[2]

Ghall-Qorti huwa car illi l-fatti mressqa quddiemha, kif jinghad bl-Ingliz, *tick all the boxes* ta' dak li jinghad hawn fuq. Ma hemmx dubbju, f'mohh il-Qorti, illi t-tmexxija tal-kumpannija tinsab f'sitwazzjoni kritika, illi d-differenzi bejn iz-zewg partijiet tant huma kbar illi ftit jidher illi hemm possibilita' ta' soluzzjoni.

Il-Qorti thoss illi fl-istat attwali tal-kumpannija, u jrid jinghad, stat li kien hazin qabel gew inizjalati dawn il-proceduri izda aggravaw wara, ma tarax illi hemm possibilita' illi l-kumpannija tibqa' tezisti biex tilhaq l-ghanijiet li ghalihom twaqqfet.

Huwa minnhu illi twaqqfet principalment biex tassikura kirja perpetwa a favur il-Malta Bridge Club, izda bhal kull relazzjoni kontrattwali ohra, jistghu dejjem jigu cirkostanzi illi jvarjaw l-*istatus quo* u/jew fejn il-partijiet f'dik ir-relazzjoni jkollhom jaggustaw ruhom. Il-Qorti hija xettika hafna fuq kemm qatt seta' jkun possibbli illi jkun hemm il-perpetwita' tal-kirja illi l-Malta Bridge Club jippretendi li jgawdi.

**Ghaldaqstant**, ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

1) **Tastjeni** milli tipprovdi dwar l-**ewwel talba** in kwantu illi provvediment fir-rigward jkun issa superfluwu fid-dawl ta' dan hawnekk deciz.

2) **Tiddikjara**, fir-rigward tat-**tieni talba**, illi jezistu c-cirkostanzi ta' gravita' sufficjenti skond l-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

[2] **Jonathan Law u Elizabeth A Martin**, Dictionary of Law (7th Ed.)

3) **Tilqa' t-tielet talba u torda,** b`effett mill-llum, kif jinghad fl-ewwel proviso tal-Artiklu 223(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija CBCD Limited (C13500).

4) B'referenza ghar-**raba' talba**, tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija CBCD Limited (C13500) bis-setghat u bid-dmirijiet kollha li huma stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, u bla hsara ghall-generalita` ta` dawk is-setghat u dmirijiet:

   (a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de qua, kif irid l-Artiklu 226 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, jaghmel rapport lill-Qorti, kif irid l-Art 227 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta;

   (b) jaghmel verifika ta` l-assi u tad-djun tal-kumpannija de quo u, jekk ikun il-kaz, dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   (c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija de quo, kif ighid u jrid l-Art 237 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta;

   (d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija de quo;

   (e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi li fadal tal-kumpannija de quo;

   (f) jipprezenta r-rapport preliminari tieghu sa' l-udjenza li jmiss.

5) Bl-applikazzjoni tal-Art 236(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna lill-kumpannija CBCD Limited (C-13500) sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, u tordna illi l-ispejjez u d-drittijiet kollha tal-istralcjarju, kif ukoll l-ispejjez l-ohra tal-istralc jithallsu mis-socjeta` rikorrent Despuig Limited (C-1725) u l-CBCD Limited flimkien u in solidum bejniethom.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi minghajr dewmien ir-Registratur tal-Qrati jghaddi kopja legali ta' din id-decizjoni lir-<u>Ricevitur Ufficjali</u> u lir-<u>Registratur tal-Kumpanniji</u> u qed thalli l-istralc ghar-rapport ta' l-istess Ricevitur Ufficjali.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| Imhallef | Deputat Registratur |